## F'MARSALFORN

*Ta'* Guże' Cardona

(Lill-Prof. Gużè Aquilina fi żmien ta' kriżi)

Shana sajfija ta' Settembru niexef,
Għoljiet ibajdu taħt ix-xemx qalila,
Widien taflija, safranin jittewbu,
U raba' mnażża' mill-ilbies tax-xitwa.
It-triq mir-Rabat żigarella mgħawġa
Tistaħba fil-widien, bl-għoljiet mgħottija,
Issibha usa' x'ħin b'karozza tinżel,
Sakemm b'xi karettun ma tidjieqx iżjed.
Oh x'faraġ ħelu wara t-trab u n-nixfa
Id-dehra ħajja tal-mewġiet u l-ħdura
Tas-siġar li jħaddnuk, bajja ħanina;

Tad-djar mlewna, in-nies għad-dell jistrieħu
Mill-għeja, mit-taħbit ta' sena sħiħa.
U donnu dar ir-riħ wis-sajf ittaffa;
In-nixfa ħdiet, ħajjitna bdiet tistejqer
Kif rajna lil xulxin mill-aħħar darba,
Minn l-aħħar darba, meta l-moħħ iberren
Fuq studju u kotba ma tnikkirx ihewden
Bla bżonn jitħassar did-dgħjufija tagħna.
Inkunu tabilħaqq dgħajfin, qawwija
Daqskemm it-telqa jew ħidmiet jaħkmuna
U nħallu ħsebijiet koroh jifnuna.
Għalhekk, ħabib, ma nintelqux, inqumu
Bil-ħsieb utieq li wara s-sajf u l-ħedla
Għad ruħna tħaddar bil-ħidmiet t'Ottubru!

Sliema, 7 ta' Settembru, 1962.

---

## WARA L-ANESTESIJA



*Ta'* George Zammit

Dlam.
Holma ta' dawl tidher u tgħib;
U l-qalb u r-ruħ
—Agħma jmexxi agħma—
Jaħbtu ma' swar ta' dlam
Dlam
Dlam.

Jien għajjattlek, Mulej; m'intix tismagħni?
Taħbix wiċċek; le, le, tħallinix negħreq
Bħal min għereq fil-bir tad-dlamijiet.
Hobżi l-irmied,
Xorbi ħallatt mad-dmugħ.
Mitfugħ
Fil-mewt tad-dlamijiet, jista' l-qaddej
Ifaħħrek, ja Mulej?
Il-qalb u r-ruħ
—Agħma jmexxi agħma—
F'dinja mudlama
Joħolmu d-dawl. Mulej, m'intix tismagħni?
Lamma
Lamma
Lamma sabaqtani!

Ringiela dawl tidher, u jien
Irrid naħtafha
Kif jaħtaf sifja
Min qiegħed jegħreq.
Iżda bħal ħolma
Ta' ġid għar-rgħib
Tidher u tgħib.

Imlejt ruħi bil-ħolm.
Ġrejt wara leħħa ta' tbissima,
Ridt nittajjar bħal anġlu: iżda bħal bhima
Tmegħekt fit-tajn, u doqt l-imrar tal-ġandar
Ma' l-iben ħali.

Bnejt fuq ir-ramel; ħlief il-baħħ u ċ-ċpar
Kollox tmermer u tar.
U leħen qalli: "Kul il-ġandar, kul!
M'hemmx tħassir għall-magħmul.